ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St. Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 100**

**L-Erbgħa 21 ta' Frar, 2018**

Il-Kumitat Amministrattiv St. Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija

### PREŻENTI:

Mario Bartolo – *Chairperson*
Luciano Farrugia – Viċi-*Chairperson*
Norman Clews – Membru
Nicholas Azzopardi – Membru

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

### Minuti

Ic-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo ippresieda l-laqgħa.

### 100.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

100.1.1 Kulħadd kien preżenti għal-laqgħa.

## 100.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

100.2.1 Il-minuti tad-99 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

## 100.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

100.3.1 Is-Sur Bartolo qal li l-bankina ta' Triq l-Għakrux ġibna stima tagħha mingħand il-Kuntrattur tal-Kunsill u ser tiġi tiswa madwar €5,000. Ic-Chairman qal ukoll li għalissa qed nistennew li nipproċedu mil-Kunsill minħabba li kien hemm xi nuqqasijiet u ser nikkonfermaw sal-laqgħa li jmiss.

100.3.2 Is-Sur Mario Bartolo qal li dwar is-sleeping police ta' Triq l-Għakrux u San Leonardo għandna l-approvazzjoni minn Transport Malta f'idejna u issa imiss li nibgħatuha lill-Kuntrattur biex isir ix-xogħol. Is-Sur Clews qal li importanti li tiġi wiesa' skont il-gwida ta' Transport Malta.

100.3.3 Ic-Chairman qal li l-qasab ta' Triq Farfett tal-Fejġel inqata' pero kellna ilment li inqatgħet ukoll siġra li din tqaċtet. L-ilment kien li taħt din is-siġra kienu jagħmlu kaxxi fejn jistkennu l-qtates u issa l-area ġiet miftuħa. Għalhell il-Kuntrattur offra li jagħmel struttura żgħira bil-bricks biex jagħmillhom *shelter*.

Is-Sur Bartolo ippropona li intellgħu ċint ta' 3 jew 4 filati kulħadd qabel pero qabel niċċekkjaw mal-Perit jekk hemmx bżonn permess mil-Planning Authority.

100.3.4 Is-Sur Chairman qal li l-Bozza ta' Triq JG Baldacchino twaħħlet u ġiet tajba.

100.3.5 Is-Sur Bartolo qal li ġibna stima oħra ta' tabelli Merħba pero jiswew aktar minn €500 ukoll. Fuq din ser nitkellmu fil-laqgħa li jmiss biex naraw ikollnix stima oħra.

100.3.6 Is-Sur Mario Bartolo qal li s-siġar li ser jiġu ffinanzjati minn proġett tal-Kunsill mal-Ministeru tal-Ambjent iċċarajna li t-tip ta' siġar ma jagħmlux ħsara l-paviment tal-bandli u għalhekk issa imiss li jinħarġu t-tenders mil-Kunsill.

100.3.7 Ic-Chairman qal li t-traffic managment ta' Triq Dun Salv Sciberras minn Triq l-Għakrux sa Triq Madaffa ser tibqa kif inhi. Dan wara li bħala kumitat Amministrattiv tajna tlett opzjonijiet u ma kellnix rispons.

## 100.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;

100.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**100.5 Mozzjonijiet**

100.5.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**100.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

100.6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-3 t' April.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-101 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 3  t' April, 2018.

IFFIRMATA

Mario Bartolo
*Chairperson*